**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR182025** **24.09.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Il-Parlament tan-Nanniet 2018***

Waqt il-Parlament tan-Nanniet ta' din is-sena, l-Ispeaker Anġlu Farrugia – li mexxa s-seduta – iddeskriva lin-nanniet bħala referenza utli ta' kull familja u l-ħolqa li tgħaqqad l-imgħoddi mal-preżent u mal-futur tal-familja Maltija. B'hekk tiġġedded il-ħajja umana, qal l-Ispeaker, filwaqt li tenna s-sehem tan-nanniet fit-tiġdid tal-poplu tagħna.

Id-drawwiet tal-imgħoddi jqanqlu nostalġija u jitqiesu bħala wirt l-imgħoddi tal-poplu – il-memorja kollettiva tal-Maltin u tal-Għawdxin. Fost dawn:

- il-valuri għonja tal-imħabba lejn pajjiżna u lejn dak kollu Malti, inkluża l-lingwa Maltija,
- ir-rispett lejn xulxin,
- l-imħabba lejn il-familja,
- l-imħabba lejn il-proxxmu,
- is-solidarjetà soċjali u l-imħabba lejn iż-żgħar tas-soċjetà,
- ir-rispett lejn l-awtoritajiet,
- iż-żamma tad-dixxiplina u tal-ordni,
- l-imħabba tagħna lejn il-wirt kulturali tagħna,
- l-integrità u l-indafa personali,
- il-ħarsien lejn l-ambjent naturali u storiku.

Dawn huma valuri għonja li għandna nibqgħu nħarsu tul iż-żmien. F'dan il-kuntest il-poplu għandu jiġġedded minn żmien għall-ieħor, għalhekk in-nanniet għandhom jitqiesu bħala l-ħolqa umana.

L-Ispeaker żied li jekk niftaħru bis-suċċessi ekonomiċi u soċjali ta' pajjiżna, dan hu riżultat tal-ħidma kollettiva tagħna bħala poplu – riżultat tal-bżulija, tal-għaqal, tas-sagrifiċċju, tal-perseveranza tal-Maltin ta' qabilna kif ukoll tal-ħidma kreattiva li dejjem nagħrfu nibnu fuq it-tajjeb ta' missirijietna.

Qabel, il-ħakkiema barranin ma kinux fiduċjużi fil-prosperità u fil-viabbiltà ekonomika u soċjali tal-gżejjer Maltin, qal l-Ispeaker. Madanakollu l-mexxejja Maltin kienu ta' opinjoni differenti u riedu r-riedni ta' pajjiżhom f'idejhom, minkejja kollox. Sa mill-kisba tal-Indipendenza fl-1964 u l-għeluq tal-bażijiet militari barranin f'Malta fl-1979 (il-Ħelsien), il-politika ekonomika u soċjali ħadet spinta differenti 'l quddiem u ħadd ma seta' jagħraf l-interessi tal-Maltin għajr il-Maltin stess.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Din trid tkun it-tagħlima ta' kull ġenerazzjoni. Jeħtieġ inkunu fidili lejn l-interessi tal-Maltin, il-valuri għonja li jsawru lin-nazzjon Malti li permezz tagħhom inkisbu rebħiet, suċċessi storiċi li lkoll iwasslu għal aktar suċċessi fil-futur.

L-Ispeaker appella lin-nanniet biex inisslu mħabba f'uliedhom u f'ulied uliedhom, imħabba lejn Malta, il-valuri għonja u l-imħabba lejn Alla – li lkoll jagħmlu parti integrali mill-karattru tagħna. Appella wkoll lill-ulied biex iħobbu, jgħinu u jkunu hemm għall-ġenituri tagħhom.

L-Ispeaker ikkonkluda b'appell lill-awtoritajiet biex kull investiment li jagħmlu għat-titjib tal-anzjani f'pajjiżna jkun għaqli u jħalli l-frott.

Is-seduta speċjali tal-Parlament tan-Nanniet kienet indirizzata wkoll mis-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva Anthony Agius Decelis, mill-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia u mill-Membri Parlamentari Ivan Bartolo, Maria Deguara u Alex Muscat.